MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 432/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Maximilian Ciantar**

**Kumpilazzjoni Nru: 432/2010**

**Illum, 27 ta’ Lulju, 2011**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Maximilian Ciantar, imwieled Pieta’, fit-22 ta’ Jannar, 1990, iben Emanuel u Diane nee’ Borg u residenti fil-fond numru 43, Triq is-Sebh, Marsa u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 75690(M).

Akkuzat talli fit-28 ta' April, 2010 ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghaxija (19:15hrs) gewwa Triq Hal Warda, Attard,

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza gravissima fuq il-persuna ta' Rebecca-Marie Falzon ta' hdax il-sena;
2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Sarah-Marie Falzon ta' hdax il-sena.
3. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara, hassar jew gharraq ventura bin-numru ta' registrazzjoni NOE 121 ghad-dannu ta' Christopher Calleja mill-Mosta, liema hsara tkun izjed minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);
4. Talli saq vettura ta' l-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-awtorita' dwar it-trasport ta' Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;
5. Talli saq l-imsemmija ventura b'numru ta' registrazzjoni HBD 096 ta' l-ghamla Peugeot minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar riskji ghal terzi persuni;
6. Talli saq motor-car jew vettura ohra ta' l-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;
7. Saq jew prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni HBD 096 fi triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
8. Saq vettura ta' l-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 u ecceda il-limitu ta' velocita skond il-ligi;
9. Bhala xufier ta' vettura b'numru ta' registrazzjoni HBD 096 naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-

triq kienet involuta f'incident li jinvolvi offiza fuq il-persuni u meta giet ikkagunata hsara lil xi vettura;

10. Naqas li jieqaf fi triq li kienet immarkata b'linji bojod paralleli, jew b'sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass, biex ihalli lin-nies bil-pass jaqsmu;

11. Akkuzat ukoll talli fl-istess data u hin fi Triq l-Imdina, Attard waqt li kien qed isuq il-vettura ta' l-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 naqas milli jieqaf fuq is-sinjali ta' dawl tat-traffiku meta id-dawl kien ahmar.

Il-Qorti, giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-prosekuzzjoni, b'zieda mal-piena talbet l-iskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 225, 226(1)(a), 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 225, 226(1)(a), 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) 127 ta' l-Avviz Legali 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) 67 ta' l-Avviz Legali 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
i) 88 ta' l-Avviz Legali 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
j) 89 ta' l-Avviz Legali 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
k) 124 ta' l-Avviz Legali 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
l) 125 ta' l-Avviz Legali 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
m) 54, 55 u 57 ta' l-Avviz Legali 129 tas-sena 1994;
n) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

o) 17, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta incident lil sehh nhar it-28 ta’ April 2010 meta l-imputat fil-waqt li kien qed isuq fi Triq Hal-Warda f’Attard tajjar zewgt itfal, tewmien, ta’ hdax il-sena.

Illi l-imputat, li m’ghandux licenzja tas-sewqan, kien qed isuq vettura, van ta’ tip Peugoet Partner bin-numru ta’ registrazzjoni HBD 096; mieghu fil-vettura kien hemm passigiera: Maria Cassar; il-vettura hija registrata f’isem missier l-imputat. Il-vettura kienet licenzjata u kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni; din il-polza kienet tkopri sewwieqa ta’ ‘l fuq minn hamsa u ghoxirn (25) sena. Fil-gurnata ta’ l-incident l-imputat kellu ghoxrin (20) sena.

Illi fil-mumenti ta’ l-incident in ezami l-imputat kien gej minn Triq iz-Zaghfran, dar ma’l-istabbiliment Attard Farm Supplies u niezel fi Triq l-Mdina biex imbaghad dar fuq ix-xellug tieghu ghal go Triq Hal-Warda. Fi Triq l-Mdina hemm ‘l hekk imsejha *pelican lights* (ftit ‘l isfel mill-istabbiliment Bonds), fil-waqt li fi Triq Hal-Warda hemm *zebra crossing* f’l-ewwel parti taghha int u diehel minn Triq l-Mdina quddiem ic-centru tal-M.U.S.E.U.M u *pelican lights* fit-tarf l-iehor taghha hdejn l-iskola[1]. Hemm senjaletika sufficjenti u adegwata, kemm permezz ta’ tabelli ma’ arbli kif ukoll sinjali mizbugha ma’l-art, li jaghtu preavviz ta’ dawn it-tlett *crossings*.

Illi mill-ezami akkurat li ghamel l-espert Martin Bajada tac-*CCTV recordings*, *recordings* li gew elevati minn Triq iz-

[1] Ref Rapport ta’l-espert Martin Bajada a fol 344.

Zaghfran, minn Triq l-Mdina, u minn Triq Hal-Warda (minn *cameras* ta' Attard Farm Suplies, Bonds, u tal-Banif Bank) jirrizultaw diversi fatti. Meta l-imputat kien niezel fi Triq l-Mdina, waqaf ghal xi sekonda fuq il-Pelican Lights ghaliex kien hemm persuna qed taqsam pero immedjatament malli ghaddiet minn quddiemu, u waqt li d-dwal kienu ghadhom homor, kompla jsuq b'certa velocita. Dak li mbaghad gara fi Triq Hal-Warda ukoll huwa registrat f'dawn ir-*recordings*.

Illi fil-hin ta' l-incident iz-zewgt ibniet Rebecca-Marie Falzon u Sarah-Marie Falzon kienu ghadhom kif spiccaw mill-lezzjoni tal-M.U.S.E.U.M; hargu flimkien ma' xi hbieb taghhom hekk kif dak il-hin wasal missierhom, Stephen Falzon, li kien gej mill-passagg li hemm biswit il-Banif Bank li qieghed man-naha l-ohra tat-triq ezattament quddiem ic-centru tal-M.U.S.E.U.M.; huwa stenna lill-uliedu ma' dik in-naha tat-triq b'mod li huwa kien f'tarf taz-*zebra crossing* u uliedu kienu qeghdin jistennew fit-tarf l-iehor. Fit-triq kien hemm diversi vetturi ghaddejjin; wahda minnhom kienet dik ta' tip Kia b'numru ta'registrazzjoni NOE 121 misjuqa minn Christopher Calleja li kienet ghaddejja man-naha tat-triq fejn kien hemm jistennew iz-zewgt itfal, cioe man-naha tal-M.U.S.E.U.M. Peress li dan ra li kien hemm tfal qed jistennew biex jaqsmu, waqqaf; il-vettura li kienet warajh, misjuqa minn Joselle Cardona, waqqfet ukoll; f'dak il-mument ma kienux ghaddejjin vetturi mal-karreggjata l-ohra (man-naha tal-Banif). Meta ra hekk Stephen Falzon ghamel sinjal lill-uliedu biex jaqsmu. Hekk kif huma kienu qed jaqsmu u kienu qabzu in-nofs tat-triq kien propju l-mument meta l-imputat saq ghal go Triq Hal-Warda. Kif jidher ampjament mill-*istills* esebieti u mir-*recordings* imsemmija, l-imputat dar ghal go Triq Hal-Warda b'certa velocita, baqa ghaddej sparat, tajjar liz-zewgt itfal u minkejja l-impatt kompla jsuq b'l-istess velocita. Huwa waqqaf ghal ftit sekondi fit-tarf l-iehor tat-triq fejn hemm il-*pelican lights* pero kompla sejjer. Ghandu jinghad li mill-ewwel darba li nqabad minn *CCTV* fi Triq iz-Zaghfran sakemm kompla tiela f'dik it-triq dar ghal go Triq l-Imdina biex mbaghad kjompla sejjer fi Triq Hal Ward sa kemm tajjar liz-zewgt itfal (f'dan it-traggit suppost waqqaf fuq stop sign mad-dawra ta' l-Attard Farm

Supplies u fuq il-*pelican lights* ta'Triq l-Imdina), ghaddew biss hdax (11) il-sekonda. Fil-fatt gie stabbilit mill-espert Mario Buttigieg li fi Triq Hal Warda l-imputat qed isuq b'velocita ta' almenu mija u zewg kilometri fis-siegha (102km/h); il-limitu ta' velocita f'din it-triq huwa ta' hamsin kilomteru fis-siegha (50km/h).

Illi ma'l-impatt l-imputat kompla jsuq 'l barra minn H'Attard waqaf ghal ftit hdejn xi ghalqa biex jikkalma u ftit wara baqa sejjer il-Mosta fejn kellu ghamel bicca xoghol.

Illi ma'l-impatt Sarah-Marie waqat fil-post fejn kienet hemm f'nofs tat-triq mentri ohtha Rebecca-Marie litteralment ittajjret ghall-fuq l-ewwel vettura li kienet wieqfa fuq iz-*zebra crossing,* dik bin-numru ta' registrazzjoni NOE 121, u ma' dan it-tieni impatt kompliet tittajjar ghal nofs tat-triq aktar 'l quddiem. Ghandu jigi rilevat li l-impatt tal-vettura misjuqa mill-imputat fuq Rebecca-Marie kien tant qawwi li meta hi ttajret ghal fuq il-vettura l-ohra (NOE 121) b'dan it-tieni impatt giet ikkawzata hsara fuq din il-vettura fuq il-mudguard u l-bieba ta' quddiem man-naha tal-lemin.

Illi n-nies li kien hemm fuq il-post ta' l-incident cemplu ghas-servizzi ta' emergenza li wara ftit tal-hin kienu fuq il-post u bdiet tinghata l-ewwel ghajnuna liz-zewgt itfal.

Illi biex l-pulizija waslu ghall-identita ta' l-imputat kellhom jaghmlu ezercizju intensiv u laborjuz li pero wassal ghar-rizultat pozittiv ghaliex jumejn wara l-incident fit-30 ta' April 2010 l-pulizija arrestat lill-imputat. Sa dak il-hin l-imputat m'ghamel l-ebda tenttattiv biex jikkomunika ma', jew jikkonsenja lilu nnifsu lill-pulizija.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-imputat gie misjub hati u kkundannat mill-Qrati taghna diversi drabi. Mit-tlett sentenzi prezentati, dan huma datati 26 ta' April 2007, 5 ta' Lulju 2007 u l-1 ta' Novembru 2007 rispettivament[2], jirrizulta li b'kull wahda minn dawn it-tlett sentenzi l-

[2] Ref Doks ET6, ET7 u ET8 esebieti a fol 412 et seq.

imputat instab hati, inter alia ta' sewqan minghajr licenzja u minghajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

Illi dawn il-fatti jirrizzultaw ampjament u fil-verita m'hemmx kontestazzjoni dwarhom. Il-kontestazzjoni ta'l-imputat hija bazata fuq l-implikazzjonijiet legali li jista' jkollhom dawn il-fatti tenut kont ta'l-imputazzjonijiet lilu addebitati.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma:

- offiza gravisima involontarja fuq il-persuna ta' Rebecca-Marie Falzon (art 225, 226(1)(a), 217 u 218 tal-Kap 9; para "a" tan-nota tar-rinviju);
- offiza gravissima involontarja fuq il-persuna ta' Sarah-Marie Falzon (art 225, 226(1)(a), 216 u 217 tal-Kap 9; para "b" tan-nota tar-rinviju)[3];
- hsara involontarja fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni NOE 121 a dannu ta' Christopher Calleja (art 328 tal-Kap 9; para "c" tan-nota tar-rinviju);
- sewqan minghajr ma kellu licenzja (art 15 tal-Kap 65; para "d" tan-nota tar-rinviju);
- sewqan ta' vettura minghajr kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni (art 3 tal-Kap 104; para "e" tan-nota tar-rinviju);
- sewqan traskurat, bla kont u perikluz (art 15 tal-Kap 65; para "f" tan-nota tar-rinviju);
- sweqan b'velocita ecessiva (reg 127 AL128/1994; para "g" nota tar-rinviju);
- li naqas li jieqaf wara li kien involut f'incident (reg 67 AL128/1994; para "h" nota tar-rinviju);
- li qabez vettura ohra fejn kien hemm mizbugha linja bajda, jew imwahhla studs madwar kantuniera jew liwja (reg 88 AL128/1994; para 'i" nota tar-rinviju);
- li naqas li josserva r-regolamenti dwar sewqan minn fuq postijiet fejn hemm spazju ghall-passagg ghall-uzu min-nies (reg 89 AL128/1994; para (j) nota tar-rinviju);

[3] Ghandu jigi rilevat li ghalkemm wiehed mill-artikoli kkwotati fil-paragrafu "b" huwa 216 tal-Kapitolu 9 li jirreferi ghal griehi gravi, l-ewwel artikolu kwotat huwa 226(1)(a) li jirreferi ghal-griehi involontarji li jgiebu l-konsegwenzi elenkati f'l-artikolu 218.

- li waqt li qed isuq m'obdiex ordni mghoti lilu mill-Pulizija (reg 124 AL128/1994; para "k" nota tar-rinviju);
- li naqas li josserva r-regolamenti dwar sinjali tad-dawl tat-traffiku ta' vetturi (reg 125 AL128/1994; para "l" nota tar-rinviju);
- recidiva (art 49, 50 tal-Kap 9; para "n" nota tar-rinviju).

Illi minbarra dawn l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali hemm imputazzjonijiet ohra: dawk indikati fil-paragrafu "m". F'dan il-paragrafu l-Avukat Generali kwota l-artikoli 54, 55 u 57 ta' l-Avviz Legali 129 tas-sena 1994 taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero dan l-Avviz Legali 129 tas-sena 1994 jittratta dwar il projbizzjoni ta' l-importazzjoni ta' fibri ta' l-asbestos u huwa mahrug taht il-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-Ordinanza dwar id-Dwana. Kjarament il-fatti tal-kaz in ezami m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dak is-suggett u m'hemm l-ebda prova li b'xi mod tista' tinkwadra l-agir ta'l-imputat fil-kaz in ezami f'dak predispost f'dan l-avviz legali. Konsegwentement l-imputat ma jistghax jinstab hati ta'l-imputazzjonijiet lilu addebietati fil-paragrafu "m" hawn fuq imsemmi.

Illi ghandu jigi rilevat li fin-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali m'hemm l-ebda referenza ghas-sebgha imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fic-citazzjoni; konsegwentement il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ikkunsidrat

Illi r-Regolament 127 ta'l-avviz legali 128 tas-sena 1994 jistabbillixxi li l-velocita massima f'l-ibliet huwa ta' hamsin kilometru is-siegha (50km/h).

Illi r-Regolament 89 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 jistabbilixxi li

*meta t-triq tkun markata b'linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa' taghha, jew b'sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass, il-vetturi kollha li*

*jkunu qed jersqu lejn dak il-passagg ghandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bzonn ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu, u ma ghandhom f'ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzawh*.

Illi r-Regolament 125 ta'l-istess Avviz Legali li jirregola s-sinjali tad-dawl tat-traffiku jispecifika, fil-paragrafu 2(a) li

*Is-sinjal ahmar ifisser projbizzjoni li t-traffiku ta' vetturi m'ghandhux ikomplu miexja 'l hemm mil-linja li turi fejn ghandu jieqaf fuq il-karreggata … .*

Illi fil-paragrafu 4 l-istess regolament 125, hem predispost li

*it-traffiku tal-vetturi li jkun miexi skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament ghandu jibqa' miexi* ***wara li jiehu kont xieraq tas-sigurezza ta' l-ohrajn li jkunu juzaw it-triq***[4] *...*

Illi dan il-Regolament huwa rifless f'l-insenjament tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali meta qalet li

*fuq pedestrian crossing … id-drivers ghandhom ikollhom l-akbar awareness u alertness ghall-prezenza jew movimenti ta' pedestrians.*[5]

Illi huwa principju ben stabbilit ukoll li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "proper look out". Gie ritenut li

*Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout…*

*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the*

---

[4] Sottolinear tal-Qorti.
[5] Ref Pulizija vs Christopher Siegersma Appell Kriminali 12.07.2007.

*case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[6]

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li

*… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[7]

Illi dwar velocita m'hemmx dubju li

*speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument*[8]

Illi x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa ukoll pacifiku f'l-ordinament gurikdiku taghna.

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha*

[6] Ref Pulizija vs Roderick Debattista Appell Kriminali deciz 26.05.2004.
[7] Ref Pulizija vs Joseph Grech deciza 06.06.2003.
[8] Ref Pulizija vs Haden Vella Appell Kriminali deciz 12.07.2007.

*tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan...* [9]

Illi b'applikazzjoni tar-regolmenti u gurisprudenza hawn fuq kwotata ghall-fatti tal-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat naqas li josserva r-regolamenti kollha hawn kwotati, li naqas b'l-aktar mod sfaccjat li jzomm dik il-*proper look-out* mehtiega minn kull sewwieq u li s-sewqan tieghu kien mill-aktar perikoluz kemm ghal terzi kif ukoll ghall-propjeta taghhom.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi "f", "g", "h", "j", u "l" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali (cioe is-sitt, it-tmien, id-disgha, l-ghaxar u l-hdax il-imputazzjoni elenkati fic-citazzjoni) jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi ghandu jigi rilevat li ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali hemm zewg imputazzjonijiet, dawk elenkati fil-paragrafi "i" (li jikkwota r-regolament 88 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994) u "k" (li jikkwota r-regolament 124 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994), li fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultawx[10].

Illi r-regolament 88 jipprovdi li fejn ikun hemm mizbugha linji bojod, jew imwahhla studs madwar kantuniera jew liwja, edba vettura m'ghandha taqbez ohra li tkun qed issuq f'l-istess direzzjoni.

Illi r-regolament 124 jipprovdi li kull min isuq vettura ghandu f'kull waqt jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni, jew sinjal mghoti jew maghmul mill-Pulizija jew gwardjan lokali u li jkun hati ta' kontravvenzjoni minn jaghti dettajli personali hzina lill-pulizija jew gwardjan lokali.

Illi kjarament mill-provi akkwiziti f'dan il-kaz m'hemm l-ebda cirkostanzi pruvata li tista tinkwadra ruhha f'dak

---

[9] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.
[10] M'hemm l-ebda referenza ghal dawn ir-reati fic-citazzjoni.

predispost f’dawn iz-zewg dispozizzjonijiet. Konsegwentement l-imputazzjonijiet relattivi ma gewx pruvati.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni indikata fil-paragrafi “d” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali (cioe ir-raba imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni) tirreferi ghal sewqan minghajr licenzja. Mill-provi prodotti din l-imputazzjoni tirrizulta ampjament.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni indikata fil-paragrafi “e” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali (cioe il-hames imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni) tirreferi ghal uza da parti ta’l-imputat ta’ vettura fit-triq minghajr polza ta’ assigurazzjoni dwar riskji ta’ terzi persuni.

Illi f’dan ir-rigward l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Andrew Pizzuto in rapprezentanza tas-socjeta Melita Unipol Insurance Agency. Dan ix-xhud, fil-waqt li kkonferma li l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HBD 096 kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni u fil-waqt li prezenta c-certifikat ta’l-assigurazzjoni relattiv[11], spjega li l-polza kienet tkopri biss sewwieqa ta’ ‘l fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena. Kif diga ntqal dak in-nhar ta’l-incident l-imputat kellu ghoxrin (20) sena u konsegwentement il-polza ma kienitx tkopri sewqan da parti tieghu. In oltre l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan.

Illi kif gustament irrileva l-abbli difensur ta’l-imputat ghal xi zmien kien hemm sentenzi kunfliggenti fuq dan il-punt fis-sens li mentri fil-gurisprudenza prevalenti kienet stabbilita l-prezunzjoni li persuna li m’ghadhiex licenzja ghas-sewqan mhiex koperta b’polza ta’ assigurazzjoni[12], f’xi

[11] Ref Dok AP1 a fol 404.
[12] Ref Pulizija vs Krista Cassar Appell Kriminali deciz 19.09.2006 u l-guurisprudenza hemm kwotata.

sentenzi ohra, bhal per ezempju Pulizija vs Charles Galea[13] gie deciz li

*una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat. …*

*… fejn ikun jidher prima facie ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiva prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, … jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti. Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta flartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-artikolu 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.*

Illi pero dan il-kunflitt gie rizolt permezz ta' sentenzi ricenti. Il-Qorti ta' l-Apell Kriminli f'sentenza mghotija f'l-4 ta' Frar 2011[14] qalet hekk, anke b'referenza diretta ghas-sentenza hawn fuq kwotata:

*Ghar-rigward ta'l-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni kontra*

[13] Appell Kriminali deciz 7 ta' Mejju 2007.
[14] Ref Pulizija vs Andre Apap.

*riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur ta'l-artikolu 3(1A). Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinsjonijiet li saru … fis-sentenzi … Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni fis-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta … min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104. Din id-dispozizzjoni  ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforzi biex id-dispozizzjoni ta'l-artikolu 3(1A) tigi rikonciljata permezz ta' process ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni ta'l-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu 104 ghaliex iz-zewg dispozizzjonijiet jirregolaw sitwazzjonijiet differenti. L-artikolu 3(1A) jirregola x'jigri f'proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) mentri l-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu jirregola r-rizarciment mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm f'l-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 104 il-pozizzjoni li hemm f'l-artikolu 3(1A) tibqa mhuz mittiefsa u cioe li fil-proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 kemm il-darba l-imputat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni fis-sehh skond kif mehtieg f'l-artikolu  3(1) imsemmi.*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissottolinea ukoll li dak li huwa projbit permezz ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 mhux sewqan ta' vettura li ma tkunx koperta b'polza ta' assikurazzjoni imma **sewqan ta' vettura minn persuna kemm il-darba <u>ghall-uzu minn dik il-persuna</u> ma jkunx hemm fis-sehh polza ta' assikurazzjoni.**

Illi l-imputat ma ressaq l-ebda prova; min-naha l-ohra l-prosekuzzjoni gabet prova li l-imputat ma kellux licenzja ta' sewqan u permezz tax-xhud Andrew Pizzuto gabet prova li l-polza kienet tkopri biss sewwieqa ta' 'l fuq minn hamsa u ghoxrin sena. La darba huwa stabbililt li l-imputat kellu ghoxrin sena fil-gurnata ta'l-incident u ma kellux

licenzja ghas-sewqan, il-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova li dak in-nhar ta' l-incident il-polza li kien hemm fis-sehh ma kenitx tkopri lill-imputat. Dan da parti tieghu ma ressaq l-ebda prova li dik il-polza (jew xi polza ohra) kienet tkopri sewqan da parti tieghu ta' dik il-vettura ghalkemm ma kellux licenzja tas-sewqan u lanqas ma kellu aktar minn hamsa u ghoxrin sena.

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, anke tenut kont ta' l-ahhar insenjament ta'l-Qorti ta'l-Appell Kriminali, din il-hames imputazzjoni fil-konfront ta'l-imputat giet sodisfacjentement pruvata ukoll.

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni ghandha ssir referenza ghall-paragrafu "c" tas-subartikolu 2 ta'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 li jipprovdi ghal piena aktar gravi f'kaz ta' sejbin ta' htija ghat-tielet darba (jew aktar) tar-reat in ezami. Il-prosekuzzjoni prezentat numru ta' sentenzi mghotija fil-konfront ta'l-imputat; dan huma datati 26 ta' April 2007, 5 ta' Lulju 2007 u l-1 ta' Novembru 2007 rispettivament[15]. F'kull wahda minn dawn it-tlett sentenzi l-imputat instab hati, inter alia ta' sewqan minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni  ai termini ta'l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, konsegwentement ghandu japplika fil-konfront ta'l-imputat dak predispost f'l-artikolu 3(2)(c) tal-Kapitolu 104.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi "a", "b", u "c" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali (cioe l-ewwel, it-tieni, u t-tielet imputazzjonijiet elenkati fic-citazzjoni), jirreferu ghal griehi involontarji ikkawzati fuq Rebecca-Marie Falzon u Sarah-Marie Falzon u hsara involontarja ikkwazata fil-vettura NOE 121 a dannu ta' Christopher Calleja.

Illi mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li bhala rizultat tat-traskuragni,  nuqqas ta' hsieb u non-osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tieghu, u bhala

[15] Ref Doks ET6, ET7 u ET8 esebieti a fol 412 et seq.

rizultat ukoll tas-sewqan mill-aktar perikoluz da parti tieghu, l-imputat ikkawza hsara fil-vettura ta' Christopher Calleja u anke offizi fuq il-persuna ta' Rebecca-Marie u Sarah-Marie Falzon. Il-kwistjoni li tqum, u f'dan ir-rigward kienet iffokata l-akbar kontestazzjoni ta'l-imputat, tirreferi ghan-natura tal-griehi sofferti miz-zewgt itfal in kwistjoni.

Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li

*Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*[16]

Illi huwa pacifiku ukoll li biex offiza tigi klassifikata bhal gravissima ma jridx jigi pruvat biss li l-hsara kagunata tista' ggib perikolu ta' debulizzi fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem permanenti, imma jrid jigi pruvat li huwa probabbli li dik il-debulizzi tkun permanenti[17]. Fil-fatt fis-subartikolu 2 ta'l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 huwa predispost li

*Id-debulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem ….. jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx huma hekk.*

[16] Ref Pulizija vs Joseph Azzopardi Appel Kriminali 30.07.2004
[17] Ref Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali 10.05.2003

Illi dwar Sarah-Marie Falzon gie konfermat minn diversi tobba, inkluz l-espert forensiku nominat mill-Magistrat Inkwirenti li bhala rizultat ta'l-incident hija soffriet ksur fit-tibia li rrikjeda zewg interventi kirurgici. L-espert forensiku, Dr Mario Scerri, iddeskriva dawn il-griehi bhala gravi *per durata* fil-waqt li l-kirurgu ortopediku Massimo Abela jghid li l-ksur li soffriet Sarah-Marie kien jinvolvi l-*growth plate* u ghalhekk hemm possibilta li s-sieq u l-ghaksa ma jizvilluppawx b'mod normali. Zgur m'hemmx dubbju li l-griehi sofferti minn Sarah-Marie kienu gravi *per durata* fis-sens tas-subartikolu "d" ta'l-artikolu 216. Pero a bazi tad-depozizzjoni tal-konsulent Massimo Abela l-prosekuzzjoni arguementat li l-offiza li soffriet Sarah-Marie tikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem u li ghalhekk l-offiza ghandha titqies bhala gravissima.

Illi l-kliem testwali ta'l-imsemmi konsulent Abela kien li *Bhala outcome zewg problemi nista' nanticipa. Hemm* ***possibilita***[18] *peress li kienet involuta growth plate tas-sieq u l-ghaksa li ma jizviluppawx normali u ser ikollha bzonn follow up biex inkunu certi li qed tizvilluppa sew is-sieq. Long term ir-riskju ta'l-arthritis peress li kien hemm gok involut, ghalkemm l-ghadam ifiq tajjeb hafna, il-gok, il-kapacita ta' rigenerazzjoni taghhom hija naqra limitati u qabel ma jghaddu numru ta' snin ma tkunx taf jekk hux ser ikun henn danni in terms of athritis.* [19]

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car li dak deskritt minn dan il-konsulent jinkwadra ruhhu perfettament f'dak li hemm predispost f'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 fil-paragrafu "a" ta'l-ewwel subartikolu tieghu u cioe dik id-dispozizzjoni li tghid li *l-offiza hija gravi …* ***jekk tista' ggib perikolu*** *… ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem*. Fil-verita l-ebda wiehed mit-tobba ma rrefera ghal xi probabbilta li Sarah-Marie ser ikollha xi danni permanenti konsegwentement il-griehi li soffriet din it-tifla ghandhom jigu klassifikati bhala "*gravi*" u dan ai termini

[18] Sottolinear tal-Qorti.
[19] Ref depozizzjoni a fol 295.

kemm tal-pargrafu “a” kif ukoll “d” ta’l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9.

Illi dwar Rebecca-Marie Falzon fil-fehma tal-Qorti s-sitwazzjoni hija differenti. Bhala rizultat ta’l-impatt li soffriet, ghall-ewwel granet wara l-incident Rebeca Marie kienet f’coma u fil-perikolu li titlef hajjietha u ghamlet xi zmien intubata; dawn ic-cirkostanzi kjaramenti jaqghu fid-definizzjoni (ai fini ta-reat in ezami) ta’ griehi gravi. Il-prosekuzzjoni pero hawn ukoll qed issostni li l-griehi li soffriet Rebecca-Marie huma ta’ natura gravissima ghaliex gabu debulizza permanenti.

Illi l-qaghda attwali ta’ din it-tifla tirrizulta mid-depozizzjoni ta’ diversi tobba. Il-kirurgu Antoine Zrinzo jghid li mill-aspett neurologiku ma hemmx *permanent deficit*[20]. Huwa pero qal li l-effetti li jista’ jkun hemm huma *post concussion syndrome*. F’dan ir-rigward xehed Dr Antoine Grech; b’referenza ghal Rebecca-Marie qal li *meta rajtha l-ewwel darba kienet hazin hafna pero* ***ma nimmaginax li mhux ser ikun hemm***[21] *xi forma ta’ danni psikologici*[22]. Meta Dr Grech rega xehed ftit xhur wara huwa qal li *fil-cognative function, concentration memorja u hekk ghamlet progress kbir hafna* pero li f’*l-element l-iehor, behavioural, imgieba ansjeta biza’ u hekk, ghamlet progress pero ghada ma gietx mija fil-mija. Ma nistax neskludi li l-progress jibqa jigi*[23].

Illi fil-kors tal-proceduri giet nominata espert psikjatriku biex taghti l-fehmiet taghha dwar il-qaghda ta’ Rebecca-Marie. Fil-konkluzjonijiet taghha l-espert, Dr Ethel Felice, qalet li kien hemm kambjament f’l-imgieba ta’ Rebecca-Marie, li giet affetwata l-memorja taghha, u ghad ikollha *psychological phobia* u li ghad ghandha problemi ta’ koncentrazzjoni.

Illi minn dak li jirrizulta mid-depozizzjonijiet tat-tobba, tenut kont ukoll ta’ l-assjem tal-provi kollha inkluz id-

[20] Ref depozizzjoni a fol 466.
[21] Sottolinear tal-Qorti.
[22] Ref depozizzjoni a fol 432.
[23] Ref depozizzjoni a fol 522.

depozizzjoni ta’ l-istess Rebecca-Marie Falzon, fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li din it-tifla rritornat ghall-istat normali taghha u minn dak li rrizulta huwa probabbli li hija mhux ser tirritorna ghall-istat normali u li ser ikollha xi forma ta’ dannu psikologiku bhala rizultat tal-*post concussion syndrome*. In vista ta’ dan, u in vista ta’ dak predispost fis-subartikolu 2 ta’l-artikolu 218 u cioe li d-debulizza fis-sahha jitqiesu li huma permanenti wkoll jekk x’aktarx ikunu hekk, il-Qorti hija sodisfatta li l-offiza sofferta minn Rebecca-Marie Falzon tinkwadra ruhha f’l-artikolu 218(1)(a) Kapitolu 9.

Illi f’l-ewwel u fit-tieni paragrafi fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali kwota ukoll l-artikoli 217 u 225 tal-Kapitolu 9. L-ewwel wiehed jipprovdi ghall-offizi ikkawzati b’armi regolari inkella bi strument li jaqta jew li jniggez inkella b’xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew lu hu korruziv. M’hemm assolutament xejn fil-provi akkwizit li jindika li din id-dispozzizjoni tal-Ligi tista’ tkun applikabbli ghal kaz in ezami. It-tieni artikolu imsemmi jipprovdi dwar l-omicidju involontaju. Kjarament dan il-prrovvediment mhux appliakabbli ghall-kaz in ezami.

Illi tenut kont ta’ dak hawn suespost il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai ternmini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali (cioe l-ewwel tlett imputazzjonijiet fic-citazzjoni) gew sodisfacjentement pruvati b’dan li l-offiza sofferta minn Sarah-Marie Falzon hija ta’ natura gravi ai termini ta’l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x’jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi minghajr dubbju l-ewwel fattur huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, uhud huma delitti ta’ certu gravita u uhud huma ta’ natura kontravvenzjonali, kif ukoll ic-cirkostanzi li wasslu ghall-imputazzjonijiet odjerni. Fattur iehor ferm importanti huwa il-griehi li soffrew

Rebecca-Marie Falzon u Sarah-Marie Falzon kif ukoll l-effetti li ser ihalli fuqhom dan l-incident.

Illi fattur iehor determinanti hafna fil-kaz in ezami huwa l-fedina penali ta'l-imputat. Minnha jirrizzulta li l-imputat, li fid-data ta'l-incident kellu ghoxrin sena, kien diga nstab hati tmien darbiet ta' diversi reati; l-ewwel reati ikkommettihom meta kien ghad ghandu hmistax il-sena. Il-Qorti hija konsapevoli li l-imputat ghandu problema b'l-abuzz tad-droga u li jehtieg ghajnuna biex jkun kapaci jeghleb din il-problema u jibda jirriabilita lilu nnifsu b'mod effettiv. Il-Qorti fil-fatt trattat ma' l-imputat b'diversi modi tul is-snin biex bil-mezzi a dispozizzjoni taghha taghtih l-ghajnuna li jehtieg pero jidher car li l-imputat m'gharafx juzufruwixxi mill-opportunitajiet li taghtu l-Qorti u baqa jippretendi li hu jista' jaghmel li jrid u li jista' jinjora r-regoli u l-Ligijiet.

Illi kif diga ntqal jirrizulta ukoll li fost id-diversi reati li kkometta l-imputat, ghal tlett darbiet inqabad isuq minghajr ma kellu licenzja ghas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni, cioe zewg reati li taghhom qed jerga jinstab hati permezz ta' din is-sentenza. Ghandu jinghad ukoll lil kull darba li kkommetta dawn ir-reati dejjem kien qed juza l-istess vettura cioe dik bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 il-vettura li hija registrata fuq missieru u li hija l-istess vettura li huwa saq f'l-incident in ezami.

Illi tenut kont ta' dan kollu l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja effettiva ghal perjodu aktar vicin tal-massimu milli tal-minimu permess mill-Ligi biz-zieda ta' zewg gradi kif stabbilit f'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9, u li tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li jirrifletti l-gravita tar-reati odjerni. In oltre peress li din hija ir-raba darba li l-imputat qed jinstab hati tar-reat taht l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 il-Qorti trid taghmel dak predispost f'l-artikolu 3(2)(c)(i) ta'l-istess Kapitolu 104 u cioe tordna l-konfiska tal-vettura in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sebgha imputazzjoni migjuba kontra tieghu fic-citazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi "i", "k", u "m" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 49, 50, 216, 218, 226(1)(a)(b), u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 67, 89, 125, 127 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali b'dan li ghal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni (il-paragrfau "b" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju) qed issib lill-imputat hati tar-reat minuri kompriz u involut ta' offiza gravi involontarja ai termini ta'l-artikolu 226(1)(b), u tikkundannah sentejn (2) prigunerija u tiskawlifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' ghaxar (10) snin minn meta jiskonta l-piena karcerarja hawn imposta. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura ta' tip Peugoet Partner bin-numru ta' registrazzjoni HDB 096, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 535 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' tlett elef u tnejn u disghin Euro u sitta u sittin centezmu (€3,092.66) rapprezentanti spejjez in konessjoni mal-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------